MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Avviz Numru. 461/2010

**Joseph Said esercenti l-kummerc taht l-isem 'Buss Auto Dealer'**

**Vs**

**Shawn u Gillian konjugi Cassar**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur fil-kwalita' tieghu premessa ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Ewro (€11,646.00), rappresentanti (i) kwantu ghal hamest elef, hames mija u sittin ewro (€5,560.00) bilanc tal-prezz tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAM 125, mibjugha lill-konvenuti, u (ii) kwantu ghal sitt elef u sitta u tmenin ewro (€6,086.00) bilanc tal-prezz tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAT 001 ukoll mibjugha lill-konvenuti, bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' qbid ippresentat mal-avviz u bl-

imghax legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk stess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fil-1 ta' Dicembru 2010 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta’ €11,646.00 bl-imghax legali mill-ewwel (1) ta’ Novembru 2010 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha ta’ din il-procedura inkluzi dawk tal-mandat kawtelaroju ta’ qbid tal-ewwel (1) ta’ Novembru 2010, imsemmi fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------